MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2013

Numru. 19/2009

**Il-Pulizija**
**(Supt Norbert Ciappara)**

**vs.**

**Ruben Ellul**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra George Frend ta’ 34 sena mwieled Pieta fl-24 ta’ Frar 1973 iben Joseph u Maria nee Debono, residenti Bordeaux Block F No 6 triq Katerina Vitale Xemxija, ID 120973 (M).

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fl-20 ta’ Lulju 2007 kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta
Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat General ibis-

sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101).

Ikkonsidrat

Illi l-imputat kien intlemah mill-pulizija ipejjep xi haga waqt attivita muzikali. Meta l-pulizija avvicinatu, l-imputat rema dak li kien qed ipejjep mal-art. L-oggett gie migbur mill-pulizija li ssuspettat li kien joint tal-cannabis.

Fix-xhieda tieghu l-espert Godwin Sammut mahtur minn din il-Qorti qal li mill-analizi li ghamel, ma rrizultalux li kien hemm sustanzi llegali minn dan l-ispeci ta' joint.

Ghaldaqstant l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat ma tirrizultax.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8 (a), 22(1)(a), 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat mhux hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u qed tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------